# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-18 ta' Marzu 2014

## li taħtar membru Slovakk fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

(2014/168/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 302 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Slovakk,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-13 ta' Settembru 2010 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/570/UE, Euratom li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2010 sal-20 ta' Settembru 2015 ([1]).

(2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sur Dušan BARČIK sar vakanti siġġu ta' membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Huwa b'dan maħtur membru s-Sur Anton SZALAY, *President of Slovak Trade Union of Health and Social Services*, fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-20 ta' Settembru 2015.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Marzu 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. VENIZELOS

---

([1]) ĠU L 251, 25.9.2010, p. 8.